IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru30 (tletin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar, 2021, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**30.1. Item Nru 30.1 fuq l-Aġenda –**
**Proġett Residenzjali u Kummerċjali ta' Triq Wied Glavan/Dawret ix-Xatt**

Minn l-aħħar laqgħa is-Sur Anthony Valvo irtira is-suggeriment li jsir *Consultation Meeting* b'permezz ta' email u l-Kunsill iddecieda li jerġa jiltaqa għal laqgħa oħra b'urgenza.

Is-Sindku qal li hu bagħat email lil Kunsilliera b'ittra li pprepara sabiex nibgħatuha lil Planning Authority sabiex ma nibqgħux bħala *objectors.* Għalhekk u ried li kull Kunsillier jagħti l-opinjoni tiegħu biex imbgħad ngħaddu għal vot fl-aħħar tal-laqgħa.

Is-Sindku beda biex għamel mistoqsija komuni lil Kunsilliera wieħed wieħed biex jara l-opinjoni tagħhom personali jaqblux mal-Proġett.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693309
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Beda mis-Sa. Rosabelle Pulis u qalet li hi tibqa tesiġi li r-residenti jiġu infurmati qabel tieħu deċiżjoni u tesprimi l-opinjoni tagħha.

Is-Sindku imbgħad staqsa lis-Sur Raymond Camilleri jekk jippreferix il-5 sulari jew li tinbena nofs l-art. Is-Sur Camilleri qal li fl-opinjoni tiegħu jippreferi nofs l-art u jibqa nofs ieħor għall-pubbliku.

Is-Sindku staqsa lis-Sur Anthony Valvo u dan qallu li hu għajja jara fuqha din il-biċċa xogħol. Hu kompla u qal fuq din l-art ser isir zvilupp irrispettivament x'jgħidu n-nies. Issa imbgħad hemm policies u regoli tal-Planning Authority li jridu jiġu rrispettati. Is-Sur Valvo kompla u qal hawn sitwazzjonita "What is the best of 2 evils". Hu qal li xorta din l-applikazzjoni trid issir skond il-policies. Is-Sur Valvo qal li personalment, kieku jista jagħżel li ma jinbena mkien imma ma nistgħux għalhekk hu jaħsibha li l-aħjar jinbena 50% tal-art u kollox skond l-FAR u n-nofs l-ieħor ikun a disposizzjoni tal-pubbliku.

Is-Sa. Rosabelle Pulis qalet li kieku nkomplu bħal ma qbilna l-aħħar darba tkun kuntenta iġifieri li ssir *consultation meeting* jew li nibgħatu ittra fejn ikunu jistgħu jiġu infurmati r-residenti. Is-Sa. Pulis qalet li personalment ma tistax tagħti l-opinjoni tagħha fuq xi ħaġa hekk u allura qalet li la hi kontra u lanqas favur il-proġett u allura ser tastjeni.

Is-Sindku staqsa lis-Sa. Doris Borg u din qalet li l-Kunsill qiegħed hemm bħala vuċi tar-residenti u l-vuċi qatt ma kienet presenti. Hi kompliet u qalet li l-iżviluppaturi iridu jispjegaw lir-residenti għaliex l-affarijiet ma sarux sew, ir-residenti għandhom id-dritt li jkunu jafu. Aħna bħala Kunsill għandna d-dmir li ninfurmawhom.

Is-Sur Valvo qal li l-Kundizzjonijiet iridu jkunu skond il-Planning Authority. Għalhekk jekk skond ir-regoli jippreferi tal-FAR flok l-oħra.

Is-Sa. Borg staqsiet allura jekk l-affarijiet qiegħdin sew għaliex ma ġewx l-iżviluppaturi jitkellmu mar-residenti.

Is-Sur Valvo qal li d-deċiżjoni finali hija tal-Planning Authority.

Is-Sindku qal li hu tkellem ma' numru ta' residenti u l-istess qal is-Sur Raymond Camilleri u jidhru favorevoli għal proġett bħal dan.

Is-Sa. Borg reggħet tenniet li hi mhux kontra l-iżvilupp pero ma tistax tiddeċiedi għaliex ix-Xgħajra hi tar-residenti u mhux tal-Kunsill.

Is-Sa. Rosabelle qalet li l-Kunsill kien diga qabel li nibgħatu l-ittra mil-Kunsill lir-residenti imbgħad nitolbu għal *consultation meeting* issa jekk il-*consultation meeting* ma jistax isir hi tixtieq li l-ittra lir-residenti xorta tintbgħat.

Is-Sindku qallha iġifieri int m'għandekx opinjoni personali fuq is-suġġett u staqsieha għaliex ma marritx hi ukoll tkellem lir-residenti.

Is-Sa. Pulis qalet li lanqas il-Perit tal-Kunsill ma jista jirrispondi għaliex mhux ċara l-applikazzjoni aħseb u ara kemm tista tmur hi titkellem fuq is-suġġett.

Is-Sur Raymond Camilleri qal li quddiemna għandna jew l-art tinbena kollha bejn 5 jew 7 sulari u ma jkun hemm imkien għall-pubbliku jew inkella jinbena skond l-FAR u nofs l-art tibqa għall-pubbliku. Imbgħad minhemm nistgħu infehmu lir-residenti b'dan. L-art ma nistgħux inżommuhom milli jibnuha.

IX-XGĦAJRA

Is-Sur Anthony Valvo qal li dawn żgur ser jibnu u hija ħaġa impossibbli li mmorru għand kull resident u nsaqsuh jekk jaqbilx jew le. Ir-residenti ovjament ħa jsaqsuna awtomatikament x'nippreferu personalment.

Is-Sa. Doris Borg li irridu nisjegaw lir-residenti imbgħad l-iżviluppaturi jitfgħu l-applikazzjoni u tiddeciedi l-Planning Authority.

Is-Sindku talab li ngħaddu għal vot ta' jekk il-Kunsill jippreferix proġett bl-FAR u għalhekk nibgħatu l-ittra proponuta lill-Planning Authority biex inwaqqgħu l-oġġezzjoni.

Is-Sindku, il-Kunsilliera Raymond Camilleri u l-Kunsillier Anthony Valvo qablu u l-Kunsillier Rosabelle Pulis u l-Kunsillier Doris Borg astjenew.

Il-Kunsill qabel fil-maġġoranza bi 3 voti favur u 2 astenzjonijiet.

Il-laqgħa intemmet fis-7pm

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693309
E-Mail xghajra.lc@gov.mt